MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 161/2008

**HSBC Bank Malta plc (C 3177)**
**.**
**Vs**
**Marsalite Limited (C 338), Nazzareno sive Ronnie Cauchi (ID518543M), Rose Cauchi (ID 506943M), David Agius (ID 243953M), Rita Agius (ID 513557M), Anthony Busuttil (ID 309247M) u Josette Busuttil (ID 196246M).**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mill-bank attur fil-15 ta' Frar, 2008, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-bank attur ta diversi facilitajiet bankarji lis-socjeta' konvenuta Marsalite Limited.

Illi b'kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti Nutar Dottor Ivan Barbara tal-15 ta' Gunju 2006, is-socjeta' konvenuta ikkostitwit ruhha veru, certa u likwidi debitrici tal-bank attur

fis-somma komplessiva ta’ mija u sebgha u tletin elf, erba’ mija u hmistax-il lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm137,415.67) rapprezentanti in kwantu ghal tmint elef, mija u zewg liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm8,102.38) dovut fuq loan account, oltre s-somma ta’ disgha u tletin liri Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm39.31) rapprezentanti l-imghax dovut fuq l-istess kont sa dakinhar, u in kwantu ghal mija u sitta u ghoxrien elf, tlett mija u tmienja u tletin liri Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm126,338.96) dovuti fuq overdraft account oltre is-somma ta’ elfejn, disa’ mija u hamsa u tletin liri Maltin u zewg centezmi (Lm2,935.02) rapprezentanti l-imghax dovut fuq l-istess kont sa dakinhar tal-precitat kuntratt.

Illi permezz ta’ kuntratt datat il-25 ta’ Jannar 2008 Malta Enterprise hallas il-bank attur, b’surroga ta’ drittijiet, is-somma ta’ sitt elef sitt mija u hamsa u tletin Liri Maltin u hamsa u tmenin centezmi (Lm6,635.85), liema hlas sar biex il-bank jithallas il-pretensjoni tieghu kollu fir-rigward tal-precitat loan account imsemmi fil-precitat kuntratt.

Illi l-ammont illum dovut lil-bank attur jammonta ghas-somma komplessiva ta’ mitejn u disgha u disghin elf sitt mija u hamsa u sittin punt zero tlieta Euro (€299,665.03) rapprezentanti in kwantu ghal mitejn u wiehed u tmenin elf mija u sitta u erbghin punt wiehed disgha Euro (€281,146.19) dovut fuq il-fuq imsemmi overdaft account account li llum ghandu n-numru 013-08611-341/343 oltre s-somma ta’ tmintax-il elf hames mija u tmintax punt tmienja erbgha Euro (€18,518.84) imghax mill-15 ta’ Gunju 2006 sat-8 ta’ Frar 2008.

Illi l-konvenuti Nazzareno sive Ronnie Cauchi u Rose Cauchi iggarantew insolidum flimkien mas-socjeta’ konvenuta l-ammont dovut lill-bank attur sas-somma ta’ mitejn u disat elef, tmien mija u hamsin liri Maltin (Lm209,850) ekwivalenti ghal erbgha mija u tmienja u tmenin elf tmien mija u dsatax punt zero wiehed Euro (€488,819.01) skond ir-rata ta’ konversjoni fissa ta’ zero punt erbgha tnejn disgha tlieta (0.4293) oltre l-imghax minn sitt xhur qabel id-data tal-call in u dan in forza ta’

hames garanziji datati 4 ta' Ottubru 1993, 15 ta' Marzu 1995, 10 ta' Novembru 1998, l-1 ta' Awissu 2001 u l-1 ta' Awissu 2001 rispettivament.

Illi l-konvenuti David Agius u Rita Agius iggarantew in solidum flimkien mas-socjeta' konvenuta l-ammont dovut lill-bank attur sas-somma ta' mija u wiehed u hamsin elf u sitt mitt lira Maltin (Lm151,600) ekwivalenti ghal tlett mija u tlieta u hamsin elf mija u tlieta u tletin punt zero wiehed Euro (€353,133.01) skond ir-rata ta' konversjoni fissa ta' zero punt erbgha tnejn disgha tlieta (0.4293) oltre l-imghax minn sitt xhur qabel id-data tal-call in u dan in forza ta' zewg garanziji datati it-tnejn l-1 ta' Awissu 2001.

Illi l-konvenuti Anthony Busuttil u Josette Busuttil iggarantew in solidum flimkien mas-socjeta' konvenuta l-ammont dovut lill-bank attur sas-somma ta' mija u wiehed u hamsin elf u sitt mitt lira Maltin (Lm151,600) ekwivalenti ghal tlett mija u tlieta u hamsin elf mija u tlieta u tletin punt zero wiehed Euro (€353,133.01) skond ir-rata ta' konversjoni fissa ta' zero punt erbgha tnejn disgha tlieta (0.4293) oltre l-imghax minn sitt xhur qabel id-data tal-call in u dan in forza ta' zewg garanziji datati it-tnejn l-1 ta' Awissu 2001.

Illi l-ammont dovut huwa garantit ukoll permezz ta' erba noti ta' ipoteka bin-numri I 16766/1993, I 2735/1995, I 12295/1999 u I 21278/2003.

Illi permezz ta' erba' (4) ittri ufficjali ilkoll datati 8 ta' Marzu 2007 il-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu l-ammont dovut sa dakinhar.

Illi l-ammont dovut fuq imsemmi huwa wiehed cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta' attrici il-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu kontra t-talbiet attrici.

Talab ghalhekk li l-konvenuti jghidu ghaliex il-Qorti m'ghandhiex:

(1) Tiddeciedi skond it-talbiet attrici bid-dispensa mis-smiegh ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;
(2) tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lill-bank attur is-somma komplessiva ta' mitejn u disgha u disghin elf sitt mija u hamsa u sittin punt zero tlieta Euro (€299,665.03) rapprezentanti in kwantu ghal mitejn u wiehed u tmenin elf mija u sitta u erbghin punt wiehed disgha Euro (€281,146.19) dovut fuq il-fuq imsemmi overdaft account account li llum ghandu n-numru 013-08611-341/343 oltre s-somma ta' tmintax-il elf hames mija u tmintax punt tmienja erbgha Euro (€18,518.84) imghax mill-15 ta' Gunju 2006 sat-8 ta' Frar 2008;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-erba' (4) ittri ufficjali datati 3 ta' Marzu 2007 u bl-imghax mit-8 ta' Frar 2008 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tax-xhieda ta' l-Bank attur;

Rat in-nota tal-konvenuti tad-29 ta' Mejju, 2008 li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom sabiex ihallsu lil Bank attur s-somma ta' is-somma komplessiva ta' mitejn u disgha u disghin elf sitt mija u hamsa u sittin punt zero tlieta Euro (€299,665.03) rapprezentanti in kwantu ghal mitejn u wiehed u tmenin elf mija u sitta u erbghin punt wiehed disgha Euro (€281,146.19) dovut fuq il-fuq imsemmi overdaft account account li llum ghandu n-numru 013-08611-341/343 oltre s-somma ta' tmintax-il elf hames mija u tmintax punt tmienja erbgha Euro (€18,518.84) imghax mill-15 ta' Gunju 2006 sat-8 ta' Frar 2008;

Bl-ispejjez kif mitluba u bl-imghaxijiet kif mitluba kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------